MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2012

Numru. 538/2012

Il-Pulizija
(Sp Arthur Mercieca)
vs
Josef Grima, iben Francis, imwieled Pieta' fit-13 ta' Ottubru, 1983, karta ta' l-identita numru 506583(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fl-10 ta' Diċembru, 2009, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' isnmijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ ta' €1,573.50 għad-dannu ta' Schembri Bros. Ltd.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta’ Diċembru, 2012 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 308 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum.  Minbarra dan, rat l-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta’ Malta u tordna lill-imputat li jħallas is-somma ta’ €1,573.50 lils-soċjeta’ Schembri Bors. Ltd. fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------